FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA’ NHAR IT-NEJN 23 TA’ SETTEMBRU 2002

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO CARUANA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
CHRISTOPHER MICALLEF
JOSEF DESIRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Christopher Micallef ta’ 21 sena bin Anthony u Maria nee Cutajar, imwieled Pieta fil-21 ta’ Settembru 1980 u li joqghod 169, Triq Zerafa, Marsa, detentur tal-karta tal-identita 453780M u Josef Desira ta’ 24 sena bin Alfred u Antonia nee Zerafa imwieled Zabbar fit-13 ta’ Dicembru 1976 u li joqghod Sacred Heart, Dawret Hal Ghaxaq, Ghaxaq detentur tal-karta tal-identita numru 32877M talli f’xi zmien bejn il-31 t’Awissu u l-10 ta’ Settembru 2001 ikkommettew serq ta’ tyres u affarijiet ohra mill-fond 35A, Triq Nazzarenu, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bil-persuna u li sar ghad-detriment tad-derigenti Fenech Clarke & Co Ltd.

Talli fl-istess perjodu, f’Malta xjentement laqghu ghandhom hew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif wkoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mid li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tsita ssib il-htija.

Rat il-verbal tas-17 ta' Gunju 2002 fejn l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-17 ta' Gunju 2002 fejn l-imputat Desira ammetta it-tieni akkuza filwaqt li l-imputat Micallef ammetta ghall-ewwel akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti issib lill-imputat Micallef hati tal-ewwel akkuza u tilliberah mit-tieni akkuza, waqt illi ssib lill-imputat Desira hati tat-tieni akkuza u tilliberah mill-ewwel akkuza. Wara li rat Art 261 (b)(c)(d), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 278, 330, 279(b), 280, 281, 334, 20, 23 u 28A u 28G tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152, il-Qorti tikkundanna lill-imputat Micallef ghal-tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u tqeghdu that suspended sentence supervision order that ir-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Nygaard ghal perjodu ta' sentejn filwaqt li tqieghed lill-imputat Desira that ordni ta' probation that is-supervizzjoni tal-probation Officer Carmen Nygaard ghall-perjodu ta' tlett snin.

Din il-piena qed tinghata lill-imputati in vista tal-fatt illi huma first offenders, huma ta' eta giovanili u r-res furtiva giet ritornata lis-socjeta derubata.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.